MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2015

Numru. 155/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**Darren Zammit**

**Illum :**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta’ Darren Zammit, iben Anthony u Catherine xebba Vella, imwieled Pieta' fit-30 ta' Marzu 1981 u residenti 194, Triq B'Kara, San Ġwann, numru tal-Karta tal-identita' 177581(M) fejn ġie mixli talli b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

(a) Talli f'Novembru, 2013 u fix-xhur ta' wara f'dawn il-gżejjer f'ħinijiet varji approprja ruhu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuni oħra, minn ħaġa ta' ħaddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir uzu minnha speċifikat għad-dannu ta' Raymond Farrugia mill-Imqabba;

(b) Talli fl-istess dati, lok, ħin, u ċirkostanza b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, jew setgħa fuq ħaddiehor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' Raymond Farrugia mill-Imqabba meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disghin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37).

(c) Il-Qorti ġiet mitluba li titratta lill-imputat bħala reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, meta huwa kien ġie misjub ħati u ikkundannat għall-reati b'sentenzi ta' Qrati Maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Rat li matul is-seduta tat-23 ta' Ġunju 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat l-imputazzjonijiet bil-ġurament tagħha u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 14 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Jesmond Manicaro tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat id-dokumenti prodotti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat u l-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat : -***

Illi dan il-każ tnissel wara li l-imputat, li kien isuq trakk tat-towing, kien f'Novembru 2013 mar jagħti l-għajnuna lill-parte civile li kien involut f'inċident stradali. Peress li l-imputat kien ukoll jagħmel xogħol ta' tiswija, huwa mhux biss ġarr il-karozza tal-parte civile sad-dar tiegħu, iżda ftiehem ukoll li jagħmillu wkoll ix-xogħol meħtieġ biex il-vettura tiġi rranġata. Il-parte ċivile ħallas lill-imputat is-somma totali ta' €830 u minkejja li l-imputat kien ħa l-vettura għandu biex jibda t-tiswijiet, dan baqa' ma sewwiex din il-vettura. Minkejja li kien ġie sollecitat biex ilesti x-xogħol mill-parte civile, l-imputat baqa' ma lestiex ix-xogħol. Meta l-parte civile ra' li kien għadda ċertu ammont ta' żmien mingħajr ma kellu l-karozza msewwija, huwa beda jiġri wara l-imputat biex ilesti iżda dan minkejja l-wegħdi li għamillu baqa' ma lestiex ix-xogħol. Finalment il-parte civile iddeċieda li jwaqqaf l-inkariku li kien ta' lill-imputat u talbu lura kemm il-karozza kif ukoll il-flus li kien ħalsu. Il-parte civile imbagħad mar għand garaxx ieħor, magħruf id-Dems miż-Zurrieq u

sewwa hemmhekk. L-imputat kien, wara xi żmien ħallas lura l-ammont li kien irċieva mingħand il-parte civile.

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-każ, l-imputat ġie mixli kemm bl-approprjazzjoni indebita kif ukoll bit-truffa. Iż-żewġt reati ġew ukoll ikkwalifikati bħala reati kontinwati.

Il-Qorti rat il-provi prodotti u tqis li f'dan il-każ, il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova soddisfaċentement l-elementi tar-reati hawn fuq kontestati.

Jidher li huwa veru li l-imputat kien aċċetta ħlas biex jagħmel xogħolijiet ta' tiswija. Huwa minnu wkoll li huwa ma wasalx biex jagħmel dan ix-xogħol fil-ħin. Huwa minnu wkoll li huwa wiegħed lill-parte civile li ser ilesti x-xogħol u qatt ma wasal. Huwa minnu wkoll li qallu li kien xtara l-parts, pero dawn il-parts ma kkonsenjahomlux.

Mill-banda l-oħra, din il-Qorti, almenu stando mal-kwadru probatorju komplessiv f'dan il-każ, ma tistax serenament tgħid li l-intenzjoni tal-

imputat, ab initio, kienet waħda li b'xi mod tiddefrawda lill-parte civile jew li b'xi mod japproprja ruħu indebitament mill-vettura tal-parte civile jew mill-flus fdati lilu. Din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti, inkluż ix-xiehda ta' Raymond Farrugia stess, jirriżulta, almenu sal-grad tal-probabbli, li dan kien każ fejn negozju mar żmerċ. Każ fejn l-imputat, li għal bidu verament ried li jsewwi l-vettura tal-parte civile, sab diffikultajiet fattwali biex ikun jista jwettaq il-kuntratt li kien daħal għalih mal-parte civile u baqgħa inadempjenti. Każ fejn l-imputat minkejja l-wegħdi li għamel ma wasalx iwettaq dak li kien kontrattwalment obbligat li jagħmel u wara minħabba li kien marsus bil-ħin u mill-flus naqas milli jirritorna lura dak li kien irċieva f'qasir żmien.

Il-Qorti tqis li sal-grad tal-probabbli ġie mid-Difiża ppruvat li dan kien każ li jittratta inadempiment kontrattwali li kienu daħlu għalih il-partijiet *in buona fede*, iżda li b'xorti ħażina, tort tal-imputat, l-istess kuntratt ma twettaqx kif pattwit. L-imputat irrikonoxxa li naqas mill-obbligi tiegħu, qatt ma ċaħħad jew giddeb lill-parte civile mill-vettura u/jew mill-flus versati lilu. L-imputat spiċċa li, għalkemm bl-iskossi, radd lura kemm il-vettura kif ukoll il-flus li huwa kien irċieva mingħand il-parte civile. Dil-Qorti tqis li fid-dinja tan-negozju din hija okkorrenza komunissima u allaħares min ikun kontrattwalment inadempjenti jirrendi ruħu passibbli wkoll penalment. F'dal każ, l-aġir tal-imputat setgħa jirrendih passibbli ċivilment, iżda tenut kont tal-kwalita tal-provi prodotti f'dal-każ, il-Qorti ma tqisx li huwa kien ukoll passibbli

penalment. Din il-Qorti mhix soddisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li r-reati kontestati lilu ġew integrati f'dan il-każ.

## *DEĊIDE*

li wara li rat l-Artikoli 293, 308 u 310(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, qegħda ssib lil Darren Zammit, mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu minħabba li ma ġewx soddisfacentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Ligi sabiex tinstab ħtija u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

***20 v 2015***

***Il-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------